# Jien Naf

Jien naf
li, kif jgħiduha biex itaffu l-weġgħa,
int m'għadekx magħna. Iżda
meta f'lejla xitwija jien sibt ruħi
fost ġemgħa nies iżuru knisja mwarrba
xi mkien f'Venezja
jien lilek rajtek
fi kwadru kbir qadim, kollok mistħija,
wara nett nett (li kelli ngħid fuq ponot
subgħajk) tittawwal
wara rassa ta' nies ilkoll medhija
f'xi martirju mudlam. Kulħadd kien jagħqad
u jdur fost imbuttar u għajjat. Iżda inti
kont wieqfa, ċassa u ħiemda, wara nett.
Għajnejk biss kienu jidhru 'l fuq mill-kotra,
dawk għajnejk lewżin biss.
Iżda jien naf fiċ-ċert li dik kont inti
b'ħarstek tofroq is-sekli għal ġo fija.
Meta ħarist mill-ġdid lejn dik il-ġrajja
int ma kontx iżjed hemm, iżda mbagħad meta
imraħt mat-trejqat dojoq waħdi waħdi
jien naf
li inti kont, fid-dlam, miexja warajja.

***J.J.Cremona***

(*din hija l-ewwel poeżija bil-Malti ta' l-ex-President tal-Qrati, il-Professur J.J.Cremona wara l-ħafna li kiteb bit-Taljan u bl-Ingliż)